MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2003

Avviz Numru. 1604/1998/1

**Mark Portelli ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta Printline Quality Printers**

**vs**

**Serafina Manufacturing Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur fil-kwalita tieghu premessa talab sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma ta' mija u erba' u disghin liri Maltin u tlett centezmi (Lm194.03) dovuti mis-socjeta konvenuta bhala bilanc tal-prezz ta' xogholijiet ta' stampar ezegwiti mill-attur fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tas-socjeta' konvenuta.

Ihallas in oltre, lill-istess attur is-somma ta' sitt mija u hames liri Maltin (Lm605.00) dovuti mis-socjeta konvenuta

bhala l-prezz ta’ xogholijiet ta’ stampar ezegwiti minnhu fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-konvenut.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Gunju 1998 u tal-Mandat ta’ Qbid u tal-Mandat ta’ Sekwestru ipprezentati mal-avviz u bl-imghaxijiet legali, b’effett mid-data ta’ meta gew ezegwiti ix-xogholijiet rispettivi sad-data tal-pagament effettiv.

Is-socjeta’ konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 6 tal-atti) u li biha eccepiet:-

Illi t-talbiet kif kontenuti fl-avviz huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress li l-bilanc dovut mhuwiex dak rikjest fl-avviz izda ta’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm128.41c).

Salvi eccezzjonijiet ohra.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-istess atti, is-socjeta’ konvenuta ma resqet ebda prova in sostenn tal-eccezzjoni sollevata minnha (ara fol 35 tal-istess atti kif ukoll il-verbali tas-seduti precedenti “in atti”).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi permezz tal-istess <u>attur</u>, li xehed kemm “viva voce” kemm permezz ta’ “affidavit” (fol 10 u fol 20 tal-istess attur), irrisulta li l-ammonti specifikati fl-avviz huma dovuti lill-istess attur mis-socjeta konvenuta u dan bhala prezz ta’ xoghol ta’ stampar esegwit mill-attur, f’diversi okkazjonijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl tal-premess, it-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur fil-kwalita’ tieghu premessa s-somma globali ta’ Lm799.03,0 bl-imghaxijiet legali fuq is-somma ta‘ Lm194.03,0 mill-31 ta’ Marzu 1998 sad-data tal-pagament effettiv u fuq is-somma ta’ Lm605.00,0 mit-22 ta’ Mejju 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-16 ta’ Gunju 1998 u tal-mandati kawtelatorji ta’ qbid u ta’ sekwestru tal-20 ta’ Awissu 1998.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------